# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 45**

**Citaz. Nru. 586/93GV**

**Doc. Nru. 20-01**

**Irene mart id-dentist Joseph Bartolo u l-istess dentist Joseph Bartolo bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu.**

**vs**

**Mario Pisani Zammit**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ippremettew illi l-attrici Irene Bartolo wirtet il-fond 4, Belvedere Terrace, Sliema minghand Giuseppe Zammit u b'testment in atti Nutar Dottor Mario Bonello (Dok. A) tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar, 1982, u dan bil-mewt tal-istess Giuseppe Zammit li grat fis-sitta w ghoxrin (26) t'April, 1982, liema fond kien skond l-istess testment soggett ghall-uzufrutt ta' marti id-decujus Rebecca Zammit, li a sua volta mietet fis-sittax (16) ta' Settembru, 1990.

U premess illi l-konvenut instab qed jokkupa dan il-fond bla ma ta ebda spjegazzjoni tat-titolu li suppost qed jokkupah bih, anki wara li gie interpellat b'ittra legali tal-hdax (11) ta' Settembru, 1992 (Dok. B);

U premess illi l-konvenut qed jokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghar-ragunijiet premessi, l-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut qed jokkupa il-fond numru 4, Belvedere Terrace, Sliema, bla ebda titolu validu fil-ligi; u

2. tikkundanna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minn din il-Qorti, jizgombra mill-imsemmi fond u jhallih liberu u battal favur l-atturi.

Bl-ispejjez komprizi Lm1.00,0 (lira Maltija) tal-ittra legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 10 fejn eccepixxa illi:

Preliminarjament huwa jismu Mario Pisani Zammit u mhux Mario Pisani.

Fit-tieni lok huwa qed jokkupa l-fond de quo b'titolu validu ta' lokazzjoni u ghalhekk l-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni ghar-rigward tat-tieni talba u kwantu ghal-ewwel talba din hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 125;

Rat ir-relazzjoni ta' Dr. A.Abela Medici a fol 143;

Rat in-nota a fol 237 u l-verbal a fol 238;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddeciedi li l-konvenut qed jokkupa il-fond numru 4, Belvedere Terrace, Sliema bla ebda titolu validu fil-ligi u li jigi ikkundannat li fi zmien qasir u perentorju li jigi stabilit minn dina l-Qorti jizgombra mill-imsemmi fond u jhallih liberu u battal favur l-atturi.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa preliminarjament li jismu Mario Pisani Zammit (F'dan is-sens saret korrezzjoni ara degriet tas-26.8.93 a fol. 14).

Hu qed jokkupa l-fond de quo b'titolu validu ta' lokazzjoni u ghalhekk il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni ghar-rigward tat-tieni talba u kwantu ghall-ewwel talba din hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**PROVI**

**L-attrici** xehdet li z-ziju miet fl-1982 u iz-zija fl-1990. Sa sentejn qabel mietet, Rebecca Zammit kienet qeghda Boffa Hospital bhala social case. Fl-1985 kienet qaltiha li l-konvenut kien mar ghal ftit ghix maghha ghax kien qed jibni. Hi qatt ma semmitilha li kienet ser tikrilu. Meta iz-zija marret l-isptar, ma baqghetx tmur id-dar taghha, pero' kienet taf li l-konvenut kien qieghed joqghod hemmhekk u kien mizzewweg. Billi d-dar kienet tmiss lilha hi riedet tkun taf minghand il-konvenut b'liema jedd kien qieghed fid-dar. Hu urieha ricevuti ta' l-ahhar sentejn meta z-zija kienet l-isptar u allega li z-zija kienet krietlu. Hu qal li kellu ricevuti ohrajn barra

dawk li uriha. Il-firma li uriha ma kienitx taqbel ma' dik taz-zija. Meta ghalaq il-kera fl-1991 il-konvenut ipprezentalha l-kera izda hija m'accettatux billi hu ma kienx uriha l-ftehim li qal li kellu. Billi l-konvenut ma gabx dana l-ftehim hi pprocediet b'dina l-kawza ghall-izgumbrament tieghu. Kienet anke fittxet il-ftehim ghand Dr.Refalo izda dan ma sabux. Bejn l-1982 u l-1988 hi kienet tmur tara liz-zija tas-Sliema  daqs darba kull xaghrejn jew tlett xhur. Il-konvenut qatt ma ghex maz-zijiet. Hu kien ighix ma' nannuh Joseph Zammit f'Marina Street, Sliema.  L-ahhar firma ta' Rebecca saret f'Belvedere Terrace u mhux l-isptar u ma tidhirx li xi hadd zammilha idejha.

**Joseph Bartolo** xehed li kien imur jara liz-zijiet tal-mara izda qatt ma nzerta lill-konvenut hemmhekk. Kien imur qabel miet iz-ziju.  Iz-zija qatt ma qaltu li kienet kriet il-post. Meta marru mal-perit jaraw il-post il-konvenut kien qallilhom li l-post kien mikri ghandu. Hu kien qallhom li kellu ftehim ta' lokazzjoni li kien ghand l-Avukat Refalo u urihom l-ahhar zewg ricevuti. Hu issuspetta li l-firma ma kienitx taz-zija. Il-konvenut kien ighid li kellu zewg kotba tal-kera ghax l-ewwel wiehed kien intela u bdew iehor. Issa qed ighid li ghandu wiehed. Mil-1977 sal-1980 il-konvenut kien joqghod f'Marina Str, Sliema. Imbaghad mil-1981 sal-1985 mar jghix mal-genituri f'St. Elia Str., St Julians. Qabel l-1985 ma kienx ighix f'Belvedere Terrace. Mil-1985 l-hemm ma marx izjed fil-post. L-ewwel darba li ra lill-konvenut fil-post kien meta marru bil-perit. Fi 33 (tlieta u tletin) sena qatt ma rah hemm.

**Dr.M.Refalo** xehed li kien irrediega skrittura datata disgha (9) ta' Lulju, 1985. Il-kopja li hemm fil-process mhiex iffirmata.  Jista jkun li l-original kien kitbu long hand. Din tkun l-ufficju tieghu. Jiftakar li l-konvenut kien se jizzewweg jew ghadu kif izzewweg u Rebbeca Zammit riedet taghtih donnu titolu jew possibilita' li jkompli jghix fil-post, jekk niftakar sew. L-iskrittura kienet giet iffirmata zgur mit-tnejn fil-prezenza tieghu. Hu kien imbaghad ghamel kopji u baghtomlhom. Fil-fatt dina l-kopja ma kienitx ghandu, imma ghand il-konvenut. Fil-kopja hu nizzel li kien xhud tal-firma u identita'. Jeskludi li dina kienet draft biss li ma gietx iffirmata. Hu kkonferma li dak li hemm miktub kien il-ftehim ta' bejn il-partijiet.

**Lawrence Quintano** xehed li kien mar mal-konvenut u z-zija tieghu ghand l-Avukat Refalo l-ufficju tas-Sliema. Il-konvenut kien hallas Lm30 (tletin liri Maltin) kera u saret l-ircevuta a fol 66 iffirmata minn Rebecca Zammit. Hu kien ra lil Zammit tiffirma ricevuti xi tlett darbiet. Hu qatt ma kien zammilha idejha biex tiffirma. Qabel ma mar ighix maz-zija l-konvenut kien ighix ma' ommu. Hu jigi z-ziju tal-konvenut.

**Il-konvenut** xehed diversi drabi u qal li jghix mal-familja tieghu fil-post in kwistjoni. Hu kien mar ighix maz-zija Rebecca Zammit u kien kera l-post minghandha. Ghandu zewg kotba tal-kera. Ilu joqghod hemm mil-1985. Hu kien ihallas il-kera lil Zammit u meta mietet l-attrici m'accettatx il-kera u iddepozitah il-Qorti. Kien ghamel ftehim ta' lokazzjoni ma' Rebecca Zammit ghand l-Avukat M. Refalo f'Ta' Sliema. Kien kitibha Dr.Refalo fuq fullscap u iffirmaw. Wara kien ircieva kopja bil-posta. (Kopja tinsab ezibita fil-process). Dan l-ahhar Dr.Refalo kien iffirma fuq dana d-dokument li kienet l-istess bhal tal-1985. Xi hadd kien issuggerilu li jaghmlu skrittura apparti il-ktieb tal-kera. Hu kien ta lill-attrici fotokopja ta' l-ahhar zewg ricevuti. Hu kien ghamel zmien ighix maz-zija fil-post. Meta saret l-iskrittura hu kien diga joqghod hemm maz-zija u kien ihallas il-kera. Imbaghad xi hadd issuggerilu jaghmlu skrittura wkoll. Fl-1985 kienet cemplitlu Mrs.Bartolo u qaltlu li ma kellux dritt joqghod hemm, kien ghamel l-skrittura. Xi sentejn wara Rebecca Zammit marret Boffa Hospital u ghamlet xi sentejn hemmhekk. Meta saret l-iskrittura l-ktieb tal-kera imtela fil-presenza ta' Dr. Refalo stess. Kien hallas liz-zija darbtejn l-isptar Boffa. Fl-ahhar wahda meta kienet l-isptar ma setghetx tiffirma u kien hemm nurse li zammilha idejha. Il-firem l-ohra fuq il-ktieb tal-kera huma taghha. Fil-bidu tal-ktieb hemm ricevuti fuq isem ommu billi dina kienet tiehu hsieb iz-zija. Dak iz-zmien ommu kienet mifruda minn ma' missieru. Il-firma li hemm a fol 69 hija dik li Rebecca Zammit ghamlet bl-assistenza tan-nurse fis-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 1990 (26/7/1990). L-ohrajn iffirmathom iz-zija. Hu ma kienx prezenti meta saru l-ewwel tlett firem f'isem il-mama. Hu ma jafx kif saru l-ewwel tlett firem ghax ma kienx hemm. Huma kienu zammew l-istess ktieb tal-kera billi

dan kien available u uzawh. Hu kien ghamel hames snin maz-zija u hdax-il sena meta kien zghir. Esebixxa ktieb tal kera iehor immarkat Dok MP.

**Dr. A.Abela Medici** ikkonkluda li l-firem fuq id-dok a fol 64 fi probabilita’ sostanzjali ma gewx miktuba mill-istess persuna li kienet kitbet il-firem fuq id-dokumenti awtentikati X1 sa X3 u cioe Rebecca Zammit u l-firem fuq id-dokument MP a fol 113 fi probabilita’ inqas gholja mid-dokument a fol 64 ma gietx miktuba mill-istess persuna li kitbet il-firem fuq id-dokumenti X1 sa X3. (Il-partijiet jaqblu li Dok X1 sa X3 gew maghmula minn Rebecca Zammit). L-esponenti hu tal-fehma li l-firem fuq dokumenti a fol 64 u a fol 113 kienu possibilita’ ta’ attentat ta’ ikkupjar tajjeb hafna ta’ Rebecca Zammit freehand f’perijodu ta’ zmien. …… L-espert wasal ghall-konkluzzjoni li fir-rigward tal-firma a fol 65 tal-ktieb tal-kera allegatament datata Lulju 1982 din zgur ma saritx minn Rebecca Zammit li ffirmat l-firem awtentikati fl-1982 u wahda minnhom f’ Lulju 1982.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jippretendu li l-konvenut qed jokkupa il-post in kwistjoni minghajr titolu u li l-ircevuti ta’ kera li hu pprezenta huma foloz.

Jirrizulta li l-konvenut, mil-1985 kien mar ighix ma’ Rebecca Zammit, li tigi minnu, fil-post in kwistjoni. Skond il-konvenut hu kien ihallas kera lil Zammit u esebixxa kotba tal-kera f’dan is-sens. L-atturi kienu jafu li l-konvenut kien qed ighix ma’ Zammit sa mil-1985, izda huma qed isostnu li Zammit qatt ma qaltilhom li hija kien kriet il-post lill-konvenut, imma biss li dan kien qed ighix maghha sakemm jibni l-post tieghu.

Il-konvenut xehed li f’okkazzjoni minnhom kienu cemplulu u qalulu li hu ma kellux dritt ighix fil-post taz-zija. Ghalhekk, apparti l-ktieb tal-kera, hu ghamel ftehim bil-miktub ma’ Zammit quddiem l-Avukat Michael Refalo billi skond l-istess Dr.Refalo *l-konvenut kien se jizzewweg jew ghadu kif izzewweg u Rebbeca Zammit riedet taghtih donnu titolu jew possibilita’ li jkompli jghix fil-post*.

L-original ta' dana l-ftehim ma nstabx, izda giet ezibita kopja taghha mhiex iffirmata li l-konvenut kien ircieva minghand l-Avukat Refalo. Fuq dana l-ftehim l-Avukat Refalo xehed li l-iskrittura kienet giet iffirmata zgur mit-tnejn fil-prezenza tieghu. Hu kien imbaghad ghamel kopji u baghtomlhom. Fil-fatt dina l-kopja ma kienitx ghandu, imma ghand il-konvenut….. Jeskludi li dina kienet draft biss li ma gietx iffirmata. Hu kkonferma li dak li hemm miktub kien il-ftehim ta' bejn il-partijiet.

Dan id-diskors gie konfermat mhux biss mill-konvenut izda minn Lawrence Quintano, li kien mar mal-konvenut ghand l-Avukat Refalo meta sar il-ftehim. Dan Quintano xehed li hu kien ra lil Rebecca Zammit tiffirma l-ircevuta tal-kera quddiem l-Avukat Refalo.

L-atturi qed jikkontestaw l-ircevuti li pprezenta l-konvenut u l-Qorti kienet innominat lil Dr.A.Abela Medici bhala espert kaligrafu. Dan ikkonkluda li:

1. Il-firem fuq il-ktieb tal-kera a fol 64 sa 74 **probabilment** ma gewx miktuba mill-istess persuna li kitbet il-firem fuq id-dokumenti X1 sa X3. (ara fol 168).
2. Il-firem fuq il-ktieb tal-kera a fol 113 **probabilment** ma gewx miktuba mill-istess persuna li kitbet il-firem fuq id-dokument X1 sa X3 **ghalkemm din il-probabilita' ma hijiex kbira daqs il-firem fuq il-ktieb tal-kera a fol 64.** (ara fol 175).
3. Dwar copying jew kitba simulata l-espert ikkonkluda li kien hemm **attentat** ta' ikkupjar "freehand" izda xi esitazzjoni fl-esekuzzjoni tal-firem tista tigi attribwibbli facilment ghall-eta' avvanzata tal-allegat awtur tal-kitba.

L-espert kien ippremetta l-ezamijiet komparativi li ghamel b'dikjarzzjoni fejn qal li "*mill ezamijiet preliminari tal-firem fuq id-dokumenti taht investigazzjoni kien jidher car li kien hemm xebh kbir bejn il-firem dikjarati awtentici ta' Rebecca Zammit mal-firem fuq il-kotba tal-kera*" (fol 162).

Il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar ezamijiet komparativi li ghamel l-espert u x-xhieda prodotta tasal ghall-konkluzzjoni li ma'ghandiex dak il-konvinciment morali biex tikkonkludi li l-kotba tal-kera ezibiti huma foloz.

L-ewwel nett l-espert ma jeskludiex per ezempju li certi ricevuti huma awtentici, tant li ighid li dwar il-ktieb tal-kera a fol 113 din il-probabilita' ma hijiex daqshekk kbira daqs il-firem fuq il-ktieb tal-kera a fol 64. (ara fol 175).

Ghalkemm l-espert ighid li firma fl-1982 (fol 65) certament mhiex ta' Rebecca Zammit, mill-provi prodotti jirrizulta li fl-1985 Rebecca Zammit kienet iffirmat skrittura ta' lokazzjoni favur il-konvenut ghand Dr.Refalo u saret ricevuta ta' kera. Veru li l-original tal-iskrittura ma nstabitx izda Dr.Refalo kien kategoriku li kienet saret skrittura u li Rebecca Zammit iffirmat quddiemu. Del resto anke Dr. Bonello De Puis xehed li Rebecca Zammit iffirmat quddiemu u l-atturi qed jikkontestaw il-firma taghha. Jigi rilevat ukoll li Rebecca Zammit iffirmat darba ghand Dr.Refalo meta saret l-iskrittura u mhux kull darba li l-konvenut kien ihallas il-kera. (Kuntrarjament ghal dak li fehem l-espert, ara fol 177 l-ahhar para u pagna ta' wara). Ta' min wiehed jinnota wkoll li fejn l-espert qed ighid li l-firma certament mhiex ta' Rebecca Zammit (fol 65) l-ircevuta tirreferi ghal-hlas ta' kera minn omm il-konvenut u mhux mill-konvenut.

L-espert jammetti li "*peress li l-firem genwini kollha huma spanjati fuq 1982 u l-firem l-ohra huma spanjati mil-1982 sal-1990, jien hallejt dik il-possibilita' remota ta' probabilita' peress li kieku kelli handwriting aktar vicin spanning the whole period kont inkun f'posizzjoni li nkun izjed preciz*" fol 223 .

Dwar l-allegat kupjar tal-firma ta' Rebecca Zammit il-Qorti tirrileva li anke l-espert ma kienx daqshekk cert fuq dana. L-ewwel nett hu isemmi **attentat** ta' kupjar u mhux kupjar. It-tieni hu isemmi li xi esitazzjoni fl-esekuzzjoni tal-firem tista tkun attribwibbli facilment ghall-eta' avvanzata tal-allegat awtur tal-kitba. Fl-ahharnett l-espert isemmi li dak seta gara "f'periodu ta' zmien" u ghalhekk ma jeskludiex li

kien seta kien hemm ricevuti awtentici ghal xi zmien u ricevuti ohrajn li seta sar xi attentat ta' kupjar fuqhom.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw li l-kotba tal-kera huma foloz u li l-konvenut qed jokkupa il-fond numru 4, Belvedere Terrace, Sliema bla ebda titolu validu fil-ligi

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**